MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-21 ta' Frar, 2008

Rikors Numru. 1028/2007

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Alfred Sammut**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentat mis-socjeta' rikorrenti fis-6 ta' Dicembru 2007 fejn gie premess:

Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi *(Citazzjoni Nru 1698/95 AM CIV)* giet deciza minn din il-Qorti fid-9 ta' Ottubru, 1996, fl-istess kawza 'l-konvenut kien gie ikkundannat ihallas lill-Maltacom plc is-somma ta' elf, mija, tlieta u sittin Liri Maltin u sitta u sebghin centezmu *(LM1,163.76),* in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 315962, bl-imghax u bl-ispejjez.

Illi s-socjeta` Maltacom plc llum issuccediet dik li qabel kienet il-Korporazzjoni Telemalta u ghalhekk hija l-istess socjeta rikorrenti li llum ghandha interess filkawza indikata fl-ismijiet fuq premessi.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, oltre mija, wiehed u sittin Liri Maltin u sitta u tletin centezmu *(LM161.36)* spejjez u drittijiet, professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument "A" kif ukoll elf u Lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu *(LM1,001.47),* imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-9 ta' Ottubru, 1996, id-data tas-sentenza, sal-21 ta' Lulju 2007, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' elfejn, tlett mija, sitta w ghoxrin Liri Maltin u disgha u hamsin centezmu *(LM2,326.59)* ekwivalenti ghal hamest' elef erba' mija u dsatax-il Euro u hamsin centezmu *(€5,419.50)* salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta' esponenti ghandha nteress illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` rikorrenti u d-dokumenti l-ohra.

Rat li l-intimat notifikat ma pprezentax risposta u jirrizulta li ma hallas xejn minn dan l-ammont.

Rat li Dr Ingrid Zammit Young ghas-socjeta` rikorrenti kkonfermat bil-gurament il-kontenut tar-rikors u li l-ammont indikat fir-rikors ghadu kollu dovut u li ma thallas xejn fil-mori ta’ dawn il-proceduri;

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta` rikorrenti tirrizulta gustifikata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti**, b'dan illi tawtorizzaha tezegwixxi s-sentenza ta' din il-Qorti moghtija fid-9 ta' Ottubru 1996 fl-ismijiet fuq imsemmija.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------